WIRT ARTISTIKU

# L-ALTAR TAL-KURĊIFISS U L-KONFRATERNITA' TA' L-AGONIZZANTI FIL-PARROĊĊA TAL-GUDJA FIS-SEKLI SBATAX U TMINTAX

L-altar tal-Kurċifiss kien wieħed mill-ewwel li twaqqfu fil-knisja tal-Gudja wara li din inbniet bejn l-1656 u l-1666. Insibuh imsemmi fil-vista pastorali ta' l-Isqof Gerolamo Molina, madwar l-1778, flimkien ma' l-artal maġġur u dak tal-Madonna tar-Rużarju, illi kien imwaqqaf fil-parroċċa l-qadima ta' Bir Miftuħ.

Fis-sena 1678, ir-raħal tal-Gudja kien fih biss 492 ruħ, bla ma tgħodd il-kappillan. Ħal-Farruġ kien għadu jagħmel parti mill-Gudja, iżda ma kien baqa' l-ebda dar abitata fih. Il-knisja parrokkjali kienet għadha kemm inbniet u mid-dehra kien għad jonqos ħafna xi jsir fiha. Per eżempju, jissemmew biss tliet artali : il-Maġġur, tal-Madonna tar-Rużarju u dak tal-Kurċifiss, illi fuqu se nagħtu xi informazzjoni. Tmien snin wara, fl-1686, insibu li xi nies mill-Gudja talbu lill-Isqof Cocco Palmieri biex jipprofana l-knisja antika ta' Birmiftuħ ħalli jkunu jistgħu jieħdu l-ġebel minnha biex jipperfezzjonaw il-knisja l-ġdida. Ir-raġuni li ġabu kienet illi n-nies tal-post kienu foqra wisq u ma kienx possibbli għalihom iġibu ġebel tajjeb għax dan kien jinstab 'il bogħod ħafna.



Il-Kwadru tal-Kurċifiss fl-Arċimatriċi tal-Gudja

Barra miċ-ċokon tal-popolazzjoni, tajjeb wieħed jiftakar illi ftit qabel, Malta għaddiet minn esperjenza kerha : il-pesta tal-1676, li fiha mietu aktar minn ħdax-il elf ruħ. Fil-Gudja, billi dik is-sena kellha joqogħdu fiha madwar 550 ruħ, il-pesta dehret fl-4 ta' Mejju u sat-23 ta' Ġunju kienu mietu 29. B' kollox, ir-raħal tilef 37 persuna.*(1)* Il-fatt illi sentejn wara l-popolazzjoni kienet kompliet niżlet aktar, juri mil-liema żmien diffiċli għaddew.

Fil-Vista ta' l-Isqof Gerolamo Molina tal-1678, insibu parti miktuba minn id differenti mill-bqija tad-deskrizzjoni tal-parroċċa tal-Gudja. Tibda bil-kliem "*Dentro la mia chiesa parrochiale....*" u għalhekk nikkonkludu li hija dikjarazzjoni tal-kappillan. Peress li l-kitba hija differenti jista' jkun li nkitbet mill-kappillan innifsu. Mhix ħaġa tas-soltu li tiltaqa' ma' każ bħal dan.

Inġibu din is-silta maqluba għall-Malti :
"*Ġewwa l-knisja parrokkjali tiegħi hemm altar illi ġie mwaqqaf madwar tliet snin ilu. Dan jirrappreżenta lil Sidna Ġesu' Kristu Msallab. Il-Membri tal-Konfraternita' ta' l-Agunija (2) bnewh u waqqfuh għas-spejjeż tagħhom. Il-fratelli jħallsu erba' grani fix-xahar u wara l-mewt ta' kull wieħed jew waħda minnhom, il-prokuraturi huma obbligati jagħmlu żewġ quddisiet kantati u tlieta u għoxrin quddiesa letta. Kull l-ewwel tax-xahar jiċċelebraw quddiesa kantata għall-erwieħ tal-membri mejta. Jiċċelebraw ukoll seba' quddisiet kantati oħra fis-sena, waħda kull nhar ta' Ġimgħa matul ir-Randan. Ikollhom għasar u quddiesa kantata fil-festa ta' l-Invenzjoni tas-Salib Imqaddes*".*(3)*

Mela l-altar kien twaqqaf xi tliet snin qabel l-1678, madwar l-1675 fi żmien il-Kappillan Vincenzo Gristi.

L-altar kien għadu ġdid u ma nistagħġbux meta naqraw illi l-isqof ordna li jsir xi titjib fih. Ried li l-wiċċ ta' l-altar isir b' tali mod illi l-gandlieri jkunu jistgħu joqogħdu sew. Min-naħa tagħhom, il-prokuraturi kienu qed jitħabtu biex jagħmlu

gwarniċ tal-ġebel għall-altar bil-flus miġbura. Kellhom tmien uqijiet. Il-bqija tal-flus kellhom jiġu mill-ġbir. Kien hemm is-somma ta' mitt skud mogħtija mill-imseħbin wara l-ġabra ta' Mejju ta' dik is-sena u li kienu diġa' f' idejn il-prokuraturi Mastru Mario Barbara u l-Kjeriku Giovanni Marija Pace.

Għandna wkoll deskrizzjoni ta' l-altar kif kien dak iż-żmien. Kont titla' fuqu permezz ta' tarġa tal-ġebel. Il-kwadru kien juri 'l Kristu msallab, Sidtna Marija, San Ġwann Battista u Marija Madalena. Għalkemm l-altar kien għadu ġdid, insibu illi kien qed jiġi mgħammar bin-neċessitajiet. Kellu żewġ vintaltari, wieħed tad-damask kulur rosaċew, u l-ieħor magħmul mis-satin kulur kannella, ħames trieħi bojod għall-altar, tnejn minnhom tal-bizzilla bajda, kappa tal-bellus iswed bil-fjuri, żewġ toniċelli suwed u tmien torċi li kienu jintużaw biex jiġu akkumpanjati l-fratelli mejta u jiġu mixgħula fuq il-qabar waqt il-quddies kantat. Erbgħa mit-torċi kienu żgħar u qodma waqt li l-erbgħa l-oħra kienu kbar u ġodda.

Kif diġa' għidna, dawn ma kinux żmenijiet faċli. Fl-1676, wara li spiċċat il-pesta ġew iċċelebrati sbatax-il quddiesa biss għall-fratelli matul il-bqija ta' dik is-sena, għax l-elemosina tal-quddiesa kienet ta' żewġ tari.*(4)* Iżda wara li għadda ftit taż-żmien, kollox reġa' ġie bħal qabel, jiġifieri tlieta u għoxrin quddiesa. Dan kollu sar bl-approvazzjoni tas-superjuri.

Il-Konfraternita' tal-Agunizzanti baqgħet tieħu ħsieb l-Altar tal-Kurċifiss għal bosta snin wara. Fl-1745, xi sittin sena wara li ġie mwaqqaf, l-altar kellu kull ma kien meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Il-pittura kellha l-kwadru ndurat u fuq l-altar kien hemm xbieha żgħira li kienet turi s-Seba' Duluri ta' Marija. Issa l-konfraternita' kellha tiċċelebra żewġ festi fis-sena bl-għasar u quddiesa kantata : dawn kienu l-Eżaltazzjoni u l-Invenzjoni tas-Salib Imqaddes, fit-3 ta' Mejju u l-14 ta' Settembru. Meta jmut membru kienu jsiru tliet quddisiet kantati u tletin letti, jiġifieri aktar minn qabel.*(5)* Waqt l-agunija tal-imseħbin kienu jesponu s-SS. Sagrament fil-bieb tat-tabernaklu għal tliet sigħat, bl-assistenza ta' qassis jgħid it-talb.

Daqs mitt sena wara, fl-1769, insibu li kellhom relikwija tas-Salib Imqaddes bis-sieq tar-ram, lampier ordinarju, żewġ settijiet ta' gandlieri biż-żewġ slaleb tagħhom, erba' fjuretti antiki u erbgħa ġodda, erba' trieħi u tapit antik. Jissemmew ukoll kaxxa kbira għall-ħwejjeġ ta' l-altar u mejda żgħira għall-ġbir li kien isir kull xahar.*(6)*

Il-quddies b' suffraġju għall-mejtin kompla jiżdied. Kellhom l-obbligu li jagħmlu tnax-il quddiesa kantata fis-sena, waħda nhar l-ewwel Tnejn ta' kull xahar b' suffraġju għar-ruħ ta' Gioannello Mallia. Gregorio Dalli ħalla numru ta' quddies kantat u 24 letti. Quddiesa kull nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u tlieta oħra nhar ta' Ġimgħa, f' Marzu, għall-fratelli mejtin. Dawn, barra l-quddies u talb illi semmejna qabel. Kienu jixegħlu erba' torċi fuq il-qabar ta' kull membru.

Ma hemm l-ebda dubju li missirijietna kienu jagħtu importanza lil dak li kien isir minn ruħhom wara mewthom. Tul ħajjithom kienu jaħsbu kif jistgħu għaliha. Min kien iħalli numru, xi drabi kbir, ta' quddies u min kien jingħaqad fis-Sodalita' tal-Agunizzanti biex b' erba' grani fix-xahar, li kienet somma żgħira, igawdi minn quddies b' suffraġju għal-erwieħ tal-membri. Barra mill-quddies ta' din l-għaqda, kien hemm ħafna aktar għall-mejtin. Kull konfraternita', jiġifieri tas-Sagrament, tal-Madonna tar-Rużarju u tal-Madonna tal-Konsolazzjoni, kellhom talb u quddies għall-membri tagħhom. Oħrajn kienu jiġbru l-flus fil-knisja u mid-djar tar-raħal li mbagħad kien isir quddies għall-Erwieħ tal-Purgatorju.

---

**REFERENZI**


1. J. Micallef, *The Plague of 1676*, pp. 19 u 110.
2. Fil-visti pastorali xi drabi tissejjaħ konfraternita' u xi drabi sodalita'. Kemm irġiel u kemm nisa setgħu jkunu membri.
3. "*Invenzjoni*" kienet tfisser meta "*nstab*" is-Salib. Dak iż-żmien, din il-festa kienet kmandata.
4. Vista Pastorali ta' l-Isqof Molina, 1678. J. Micallef, *Ibid.*, jikteb illi fil-Gudja kien hemm żewġ qassisin biss matul il-pesta. Tant kien hemm quddies kantat illi l-quddies lett għal mejtin beda jiġi ċċelebrat sitt xhur wara li l-pesta għaddiet. Dawn iż-żewġ qassisin damu xi sena u nofs biex iqaddsu l-quddies kollu li kien imħolli mill-vittmi tal-pesta. F'Malta kollha kont issib l-istess sitwazzjoni. (M' għandniex xi ngħidu illi dan il-quddies ma kienx kollu tal-membri tal-Konfraternita' tal-Agunija.)
5. Il-Vista Pastorali ta' l-Isqof Alpheran de Bussan fl-1745.
6. CEM Inventarie, Cabreo, 1769.


***PAUL FARRUGIA M. A.***